MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 759/2003

**Direttur ta' l-Artijiet**

**vs**

**Exalco Holdings Limited u Dawn Properties Limited**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fil-25 ta' Lulju, 2003, li *in forza* taghha, wara li ppremetta illi;

L-attur huwa l-proprjetarju tas-sit, fi Triq Nicolo Isouard, kantuniera ma' Triq il-Kostituzzjoni, Mosta.

Il-proprjeta' qabel kienet spazju pubbliku, proprjeta' demanjali tal-gvern, illi sussegwentement inbidlu l-linji mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar, sabiex dan l-ispazju jkun jista' jinhareg b'sejha ghall-offerti.

L-attur kien hareg b’sejha ghall-offerti dan is-sit, permezz t’avviz Nru 95, datat 13 ta’ Gunju, 2003.

L-ipprocessar ta’ din is-sejha ghall-offerti ghadu ghaddej.

Il-konvenut, illegalment u minghajr titolu, qabdu u okkupaw dan is-sit, skavaw u bnew xi strutturi.

Din l-Onorabbli Qorti laqghet talba ghall-mandat t’Inibizzjoni kontra l-konvenuti permezz ta’ digriet datat 22 ta’ Lulju, 2003, (Digriet numru 1190/03GC).

Il-konvenuti qeghdin jokkupaw l-imsemmija art, minghajr titolu u minghajr l-awtorizazzjoni ta’ l-attur.

L-agir illegali tal-konvenuti qed jikkaguna danni lill-attur.

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-art fuq imsemmija hija proprjeta’ ta’ l-attur.

2. Tiddikjara illi l-konvenuti qeghdin jokkupaw din il-bicca art illegalment.

3. Tiddikjara li l-agir tal-konvenuti qed johloq danni lill-attur.

4. Tillikwida danni kkagunati lill-attur.

5. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu l-istess danni, u

6. Tordna lill-konvenuti jirriprestinaw s-sit *in kwistjoni* fl-istat li kien fih qabel l-okkupazzjoni minnhom.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta’ din il-kawza kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata relattiva;

Rat li l-konvenuti, ghalkemm debitament notifikati bl-att tac-citazzjoni, naqsu li jressqu nota tal-eccezzjonijiet;

Rat li dan ma sarx peress li bejn il-partijiet kienu ghaddejjin trattattivi ghall-probabbli transazzjoni, u kien hemm qbil li ma tigix prezentata nota tal-eccezzjonijiet biex tigi kkoltivata ahjar l-istess transazzjoni, b'dan li l-konvenuti jkunu awtorizzati jipprezentaw nota tal-eccezzjonijiet hekk kif jigi dikjarat li t-transazzjoni ma sehhitx;

Rat li l-meritu tal-kawza gie ezawrit peress li l-art meritu tal-kawza giet trasferita fil-mori tal-kawza lis-socjetajiet konvenuti;

Rat li baqa' ma sarx qbil fuq l-ispejjes tal-kawza, izda l-konvenuti naqsu li jressqu nota tal-eccezzjonijiet biex jikkontestaw it-talba attrici ghal-hlas tal-ispejjez;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi d-Direttur tal-Artijiet fetah din il-kawza wara li spazju proprjeta' tieghu fi Triq Nicolo Isouard, kantuniera ma' Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, kien gie okkupat abuzivament u bla titolu mill-konvenuti. Il-Gvern kien hareg sejha ghall-offerti ghat-trasferiment ta' dan is-sit, izda l-konvenuti ma stenewx li l-process jigi terminat, u minflok qabdu u okkupaw l-istess porzjoni art. L-attur talab u ottjena l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni (numru 1190/03) sabiex il-konvenuti jieqfu milli jkompli jaghmlu xogholijiet fuq dik il-bicca art. Dak il-mandat gie segwit b'din il-kawza ghall-izgumbrament tal-konvenuti u hlas tad-danni.

Fil-mori tal-kawza, il-process tat-*tender* gie konkluz, u l-art *in kwistjoni* giet moghtija lill-konvenuti. L-attur, ghalhekk, ma fadallux aktar interess fil-meritu, peress li l-art issa hi tal-konvenuti, *pero'*, qed jitlob li jigi reinborsat l-ispejjez

gudizzjali. L-art, fil-fatt giet trasferita b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli tal-15 ta' Jannar, 2004.

Din il-Qorti tqis li l-attur ghandu ragun jirreklama l-ispejjez ta' din il-kawza, peress li l-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni u l-istituzzjoni ta' din il-kawza kienu mehtieg minhabba l-agir illegali u abuziv tal-konvenuti, li qabdu u okkupaw sit u bdew anke jaghmlu xoghol ta' skavar fuq l-istess, meta kienu jafu li dik l-art mhux taghhom, izda tal-Gvern. La darba kien l-agir illegali tal-konvenuti li ta' lok ghal-dawn il-proceduri, l-ispejjez relattivi jridu jithallsu kollha mill-konvenuti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi fl-ewwel lok tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici peress li l-meritu hu ezawrit, *pero'*, tordna lis-socjetajiet konvenuti sabiex *in solidum* bejniethom ihallsu l-ispejjez kollha ta' din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------